MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 1662/1994/1

**Peter Paul Micallef**

**v.**

**Joseph Debattista u b'digriet tad-9 ta' Gunju 1995 giet kjamata in kawza Maria Annunziata Debattista**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1.1. Din is-sentenza tikkoncerna appell intavolat mill-konvenut Joseph Debattista u martu Maria Annunziata, bhala terz interessata, minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Mejju 1998, kif ukoll minn digriet moghti minn dik l-istess Qorti fl-24 ta’ Jannar 1996 li permezz tieghu giet respinta t-talba ta’ Maria Annunziata Debattista biex dik il-Qorti tissoprasjedi f’din il-kawza sakemm ikun maghruf l-ezitu ta’ kawza ohra fl-ismijiet “Maria Annunziata sive Nancy Debattista v. Joseph Debattista et” (Citazzjoni numru 1827/95/FGC).

1.2. Ghal fini ta’ intendiment ahjar ta’ dan l-appell, din il-Qorti qeghda tinkorpora wkoll l-ewwel sentenza li kienet iddecidiet hekk:
“Il-Qorti

“Rat ic-citazzjoni presentata fit-2 ta’ Settembru 1994 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li l-kontendenti kienu dahlu f’partnership ma’ xulxin u dana fl-1990 u bdew jiggestixxu negozju taht it-trade name Crystal Pools; illi l-arrangament kien li l-attur johrog il-flus ghal merkanzija relattiva u l-ispejjez kollha ancillari u l-konvenut jghin fil-bejgh ta’ l-istess; li tali effetti kellhom jinbieghu mill-hanut proprjeta` ta’ l-attur San Pawl il-Bahar, imbaghad mill-flus li jidhlu l-ewwel jitnaqqsu l-ispejjez u l-flus kollha li jkun hareg l-attur u l-profitti jinqasmu bin-nofs; illi inoltre l-konvenut kien ukoll gieli jaghmel xoghol konsistenti f’li jattrezza swimming pools u affarijiet simili, pero` hawnhekk il-qliegh kien izommu hu. Illi l-effetti u l-merkanzija kollha kienet tinzamm f’mahzen proprjeta` ta’ l-attur u ta’ dan kellu jigi gustament kompensat. Illi inqala’ dizgwid bejn il-kontendenti u xoljew il-partnership li kellhom; illi kif kien jirrizulta mill-kotba ta’ l-attur, il-konvenut kellu jhallas lill-attur ammont ta’ flus konsiderevoli konsistenti principalment f’bejgh ta’ mercja liema flus kien zammhom il-konvenut u rikompensament tal-fatt li kienu qed jintuzaw l-imhazen ta’ l-attur; illi in effetti wara hafna inkontri bejn il-kontendenti u l-accountants rispettivi taghhom il-kontendenti ftehemu fuq ammont li kellu jhallas il-konvenut u dan fis-somma ta’ LM12,618 skond ma jirrizulta mill-annessa skrittura

dokument A tal-10 ta’ Novembru 1994; illi l-konvenut qed jirrifjuta li jhallas din is-somma; talab li din il-Qorti:-

“1. tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm12,618 dovuti lill-attur kif fuq spjegat u kif ratizzat fl-iskrittura Dok A.

“Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xhieda u d-dokument ezebit mill-attur.

“Rat in-nota tal-konvenut prezentata fid-29 ta’ Jannar 1995 li permezz taghha eccepixxa:-

“1. In-nullita` tac-citazzjoni billi fid-dawl ta’ l-att 21 ta’ l-1993 l-eccipjent Joseph Debattista kellu jitharrek flimkien ma’ martu Maria Annunziata Debattista.

“2. L-infondatezza tat-talba attrici billi hi bazata fuq skrittura nulla billi l-eccipjent bhala mizzewweg ma setghax skond il-ligi jaghmel wahdu att ta’ amministrazzjoni straordinarja u jittrasferixxi n-negozju “Krystal Pools” u jghabbi lill-komunjoni b’dejn ta’ Lm12,618 u meta fil-fatt dan l-ammont lanqas biss huwa dovut kollu.

“3. Bla pregudizzju l-ammont dovut huwa wiehed ferm inferjuri.

“Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

“Rat id-digriet taghha tad-9 ta’ Gunju 1995 li permezz tieghu giet ammessa l-kjamata in kawza ta’ Maria Assunta Debattista mart il-konvenut.

“Rat in-nota ta’ Maria Assunta Debattista presentata fit-30 ta’ Novembru 1995 li permezz taghha eccepiet:-

“1. Illi t-talba ta’ l-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attur billi t-talba hija bazata fuq skrittura nulla stante illi l-konvenut

bhala mizzewweg ma setax skond dil-ligi jaghmel wahdu att ta’ amministrazzjoni straordinarja.

“2. Illi bla pregudizzju l-ammont li ghandu jiehu l-attur huwa ferm inferjuri.

“Semghet lill-kontendenti u x-xiehda minnhom prodotti u hadet konjizzjoni tad-dokumenti ezebiti kif ukoll tan-noti ta’ osservazzjonijiet tal-kontendenti.

“Ittrattat il-kawza.

“Ikkunsidrat:-

“Qabel xejn din il-Qorti taghmel referenza ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Debattista fejn giet sollevata in-nullita` tac-citazzjoni billi l-konvenut ma kienx assistit minn martu. Illum l-posizzjoni giet sanata bid-digriet ta’ din l-istess Qorti tad-9 ta’ Gunju 1995 li permezz tieghu giet imsejha fil-kawza l-istess mart il-konvenut. Izda fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu l-konvenut oggezzjona ghal dan il-provvediment u anke irrizerva l-posizzjoni legali tieghu. Inoltre saret osservazzjoni fis-sens li bid-digriet fuq imsemmi din il-Qorti kienet gia` ppronunzjat ruhha dwar il-htiega tal-prezenza tal-kjamata in kawza – ghalhekk l-eccezzjoni kienet gustifikata.

“F’dan ir-rigward din il-Qorti tixtieq tissottolinea li kull parti f’kawza ghandu d-dritt li tappella minn kull provvediment tal-Qorti fil-mument li jkun koncess lilu tali appell, izda sabiex ma jkunx hemm ebda malintiz jigi rilevat li l-eccezzjoni tan-nullita` ta’ atti gudizzjarji ghandha dejjem tinghata fil-kuntest ta’ l-artikolu 789 790 tal-Kap. 12.

“L-artikolu 789 jelenka d-diversi kazi meta att gudizzjarju jista’ jigi dikjarat null fosthom meta dik in-nullita` hija ddikjarata mil-ligi espressament, jew meta l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi. Il-konvenut ma indikax liema subartikolu kien qed jinvoka izda f’kull kaz fuq imsemmi l-istess ligi tipprovdi li tali eccezzjoni ma tkunx tista’ tinghata u konsegwentement ma tkunx tista’ tigi akkolta “jekk dak in-

nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi."

"L-assenza ta' parti f'kawza tista' taghti lok ghall-eccezzjoni tan-nuqqas ta' integreta` ta' gudizzju izda qatt ma tista' ggib in-nullita` ta' dak l-att billi l-istess Kap. 12 jipprovdi fl-artikolu 175 l-mezzi biex dak in-nuqqas jigi sanat. B'dana kollu kull provvediment li jittiehed bl-ebda mod ma ghandu jigi interpretat bhala pronunzjament tal-Qorti dwar il-validita` o meno ta' eccezzjoni jew dwar it-talba tal-parti li tkun qed titlob l-applikazzjoni ta' l-Art. 175. Terza persuna tista' tissejjah f'kull waqt tal-kawza qabel is-sentenza sew fuq talba ta' parti kemm ukoll minghajr dik it-talba. Meta ssir tali talba l-Qorti hija mitluba tara biss jekk it-talba hijiex ammissibbli fit-termini ta' l-artikolu 175 u cioe` li tali tibdil fl-att gudizzjarju ma' jbiddilx is-sustanza ta' l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza. Fil-kaz in ezami l-meritu tal-kawza certament ma giex mittiefes.

"Ikkunsidrat:-

"Illi bi skrittura privata tal-10 ta' Novembru 1994 il-partijiet rregolarizzaw il-kwistjonijiet li kien hemm bejniethom naxxenti minn negozju gestit taht l-isem Krystal Pools li beda f'Lulju 1990 u gie terminat f'Novembru 1993. Bhala rizultat tan-negozjati bejn il-partijiet assistiti mill-accountants rispettivi taghhom, gie deciz li dan in-negozju ma kien halla l-ebda qliegh "break even situation" izda fl-istess hin il-konvenut assuma responsabbilita` – vis-à-vis l-attur (ghalkemm dan ma jirrizultax car mill-istess skrittura) – ghal hlas tas-somma ta' Lm12,618 li kelha tithallas tramite kambjali li pero` ma jirrizultax li gew mahruga.

"Il-kawza odjerna hija bazata fuq din l-iskrittura. Bhala linja principali ta' difiza la l-konvenut u lanqas il-kjamata in kawza ma huma qeghdin jikkontestaw il-kontenut t' din l-iskrittura, izda qeghdin jattakkaw il-validita` taghha inkwantu mhux konformi mal-provvedimenti ta' l-artikolu 1322 (2) tal-Kap. 16 kif emendat bl-Att XXI tan-1993 stante li tonqos il-firma ta' mart il-konvenut. In subsidium

il-konvenut u martu qed isostnu li l-ammont dovut ghandu jkun anqas minn dak pretiz.

“Ikkunsidrat:-

“L-artikolu 1322 tal-Kap. 16 kif sostitwit bl-Att XXI tan-1993 dahal in vigore b’effett mill-1 ta’ Dicembru 1993. Dan l-artikolu fil-waqt li jitkellem dwar l-amministrazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn mizzewgin, jiddistingwi bejn dawk l-atti ta’ amministrazzjoni ordinarja u dawk l-atti hekk imsejha ta’ amministrazzjoni straordinarja. Atti hekk imsejha ta’ amministrazzjoni ordinarja ghal dik li hija l-amministrazzjoni u l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek imissu lil kull wahda mill-partijiet mizzewga. Izda fil-kaz ta’ twettieq ta’ atti ta’ amministrazzjoni straordinarja jew il-jedd li jharrek jew jigi mharrek jew li ssir transazzjoni dwar xi wiehed mill-atti elenkati fis-subinciz (3) ta’ l-istess artikolu, imissu liz-zewg mizzewgin flimkien. Il-konvenut u l-kjamata fil-kawza ghalhekk qed isostnu li dak li wassal ghall-iskrittura Dok. A, jikkostitwixxi att ta’ amministrazzjoni straordinarja u ghalhekk l-istess skrittura kellha “ad validitatem” il-htiega tal-firma ta’ mart il-konvenut.

“Dan l-artikolu introduca salvagwarda fl-interess tal-mara mizzewga. Fejn qabel ir-ragel kellu r-rapprezentanza tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u seta’ jiddisponi mill-akkwisti kif ried basta li tali disposizzjoni tkun b’titolu oneruz, issa saret mehtiega l-partecipazzjoni u l-firma tal-mara meta jsir xi att li jikkoncerna l-konsistenza ta’ l-assi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti. Izda tali partecipazzjoni tal-mara mizzewga hija mehtiega “ad validitatem” biss f’dawk l-okkazjonijiet imsemmija fis-subinciz (3) ta’ l-istess artikolu.

“Min ezami akkurat tal-kazi elenkati fl-imsemmi subinciz (3) ma jidhirx li l-kaz sotto ezami huwa kontemplat jew ahjar deskritt bhala att ta’ amministrazzjoni straordinarja. Infatti l-unici zewg paragrafi li jista’ jkollhom relevanza ghall-fini ta’ din l-eccezzjoni huma l-paragrafu (j) li jikkontempla s-shubija b’responsabbilita` mhux limitata f’socjeta` kummercjali u l-paragrafu (k) li jitkellem dwar it-trasferiment ta’ negozju.

“Shubija b’responsabbilita` mhux limitata.

“In-negozju gestit mill-kontendenti taht l-isem Krystal Pools kien jesponi lill-konvenut, u sahansitra lill-istess attur, ghar-responsabbilita` mhux limitata inkwantu dan kien jigi gestit fil-kapacita` taghhom personali stante li ma kienet giet iffurmata ebda socjeta` kummercjali. Ghalhekk proprjament sabiex il-konvenut seta’ jippartecipa f’tali intrapriza kien, in forza ta’ l-Att XXI tan-1993, jehtieg il-partecipazzjoni ta’ martu. Izda dan in-negozju kien beda fl-1990, cioe` zmien qabel ma gie promulgat l-Att imsemmi. Issa skond is-subinciz (1)(b) ta’ l-Artikolu 89 ta’ l-Att XXI id-disposizzjonijiet ta’ l-istess Att ma kellhomx jolqtu dawk l-obbligazzjonijiet assunti, jew responsabbilitajiet mehuda skond ftehim li jkun sar qabel il-bidu fis-sehh ta’ l-istess Att. Ghalhekk is-subinciz (3)(j) ta’ l-Artikolu 1322 mhux applikabbli ghal kaz.

“Trasferiment ta’ negozju.

“Fil-fehma ta’ din il-Qorti dan il-paragrafu wkoll mhux applikabbli billi kif jidher mill-kontenut ta’ l-istess skrittura tal-10 ta’ Novembru 1994 ma kien hemm ebda trasferiment ta’ negozju mill-konvenut ghall-attur. Il-partijiet sempliciment iddikjaraw li min-negozju ta’ bejniethom ma kienx hemm qliegh u mit-ton ta’ l-istess skrittura jidher li kull ftehim ta’ partecipazzjoni kien qed jigi terminat u bhala konsegwenza l-konvenut kien ser ihallas l-ammont indikat biex jinghalqu l-kotba.

“Mil-fuq espost jidher li ma kienitx mehtiega l-presenza tal-kjamata in kawza waqt il-konkluzjoni tal-ftehim redatt fl-iskrittura tal-10 ta’ Novembru 1994 u ghalhekk tali skrittura hija valida. Konsegwentement anke l-presenza ta’ mart il-konvenut f’dawn il-proceduri hija zejda.

“Ikkunsidrat:

“Bil-proceduri odjerni l-attur qed jitlob li jigi mhallas l-ammont kollu indikat fl-iskrittura tal-10 ta’ Novembru 1994 u cioe` s-somma ta’ Lm12,618. Il-konvenut minn naha l-

ohra qed isostni li l-ammont li hu ghandu jghati lill-attur "huwa wiehed ferm inferjuri."

"Dwar dan xehed Robert Cassar li kien l-accountant tas-"socjeta`" li kienet tiggestixxi n-negozju bl-isem Krystal Pools. Dan qal hekk:-

"Jiena nghid li jiena kont imqabbad miz-zewg socji biex naghmel l-accounts ta' l-imsemmi negozju. Joe Debattista darba fost l-ohrajn iddecieda li ma jkomplix jifforma parti minn din il-gestjoni u ddecieda li jitlaq pero` meta gew ippresentati l-kotba tan-negozju li kienu juru illi Joe Debattista kellu jaghti lin-negozju somma ta' flus dan ma kienx qabel maghha. Sussegwentement hu qabbad accountant tieghu u wara perjodu ta' negozjati wasalna f'konkluzjoni li jirrizulta mill-ftehim minni ffirmat fil-presenza ta' Peter Micallef u fil-presenza ta' l-accountant ta' Joe Debattista nnifsu li wkoll iffirmaw u qablu fuq dan il-ftehim."

"L-iskrittura ssemmi l-ammont ta' Lm12,618 bhala dovut mill-konvenut izda jinghad ukoll 'in calce' li "This amount is subject to verification of the following balances" u jissemmew diversi sommom li b'kollox jammontaw ghal Lm331.13. Ma jinghadx jekk dan l-ammont kellux jizdied jew jonqos ma' l-ammont miftiehem.

"Il-konvenut mhux qed jaqbel ma' l-ammont pretiz u ghalkemm hemm xi konfuzioni dwar jekk l-ammont indikat fl-iskrittura kellux ikun anqas jew jekk l-ammont dovut kellux jigi ridott minhabba pagamenti li kienu saru fil-fratemp. Infatti filwaqt li fl-eccezzjonijiet il-konvenut jghid li "l-ammont li ghandu jaghti huwa wiehed ferm inferjuri", fid-dikjarazzjoni annessa ma' l-istess nota ta' l-eccezzjonijiet huwa qal hekk: "Illi dan l-ahhar saru pagamenti lill-attur minn debituri li kellhom ihallsu lill-"Krystal Pools" tal-Catering Centre hallsuh Lm100, Patrick Rausi hallsu Lm860 u Michael Cassar Torreggiani hallsu Lm245." Izda fl-affidavit tieghu l-istess konvenut semma biss il-pagamenti li kienu saru fid-9 u 28 ta' Dicembru 1993 u fit-22 ta' Jannar 1994 (Dok V1, V2 u V3 u d-differenza bejn

dawn u l-ammonti imsemmija fid-dikjarazzjoni hija ta’ cirka Lm3000.

“Darba stabbilit li l-iskrittura tal-10 ta’ Novembru 1994 kienet valida din il-Qorti mhux tenuta terga tezamina l-konteggi u kristallizzati fl-iskrittura tal-10 ta’ Novembru 1994.

“Ghalhekk mill-ammont reklamat fic-citazzjoni jirrizulta li ghandhom jonqsu s-segwenti ammonti:-

“1. Lm100 li thallset ‘on account’ mill-konvenut kif xehed l-istess
attur.
“2. Lm860 imhallsa minn Rausi.
“3. Lm275 mhallsa minn Cassar Torreggiani.

“B’kollox l-ammont ta’ Lm1235 u cioe` l-ammont indikat mill-istess konvenut fis-7 paragrafu tad-dikjarazzjoni tieghu man-nota ta’ l-eccezzjonijiet.

“Ghar-ragunijiet moghtija filwaqt li tiddikjara li l-kjamata in kawza Maria Assunta Debattista ma ghandhiex ‘locus standi’ f’dawn il-proceduri u ghalhekk tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju; tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u tilqa’ t-tielet eccezzjoni tieghu limitatament ghal hlas tas-somma ta’ Lm1235, u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma bilancjali ta’ hdax-il elf tlett mija tlieta u tmenin lira Maltin (Lm11,383.00) bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

“L-ispejjez fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati kwantu ghal dawk tal-kjamata in kawza mill-attur, u r-rimanenti mill-attur u l-konvenut, skond ir-rispettiv rebh u telf tal-partijiet.”

2. B’sentenza *in parte* moghtija minn din il-Qorti, kif diversament komposta, fil-5 ta’ Ottubru 2001 inghatat decizjoni limitatament ghall-aggravju rigwardanti d-digriet

moghti mill-Qorti ta' l-ewwel grad in data tal-24 ta' Jannar 1996, u fejn gie deciz kwantu segwe:
"Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-aggravju ta' l-appellanti fir-rigward tad-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-24 ta' Jannar 1996, li bih cahdet it-talba ghas-soprasessjoni. Tiddeciedi li hemm lok li din il-Qorti f'dan l-istadju tissoprasjedi u hekk qed taghmel sakemm qed tigi deciza mill-ewwel Qorti diversament preseduta l-kawza l-ohra Citazzjoni Numru 1827/95 FGC, appena citata. L-appell qed jigi mholli *sine die* riappuntabbli fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet wara li tigi deciza fil-mertu din it-tieni kawza. Il-Qorti tiddegreta inoltre li t-termini proceduralment stabbiliti ghall-fini tad-deserzjoni tal-kawzi ma kellhomx jiddekorru. Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali".

3. Fit-28 ta' Novembru 2005, il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza fl-ismijiet "Maria Annunziata sive Nancy Debattista mart Joseph Debattista v. Joseph Debattista, Peter Paul Micallef u Joyce Micallef mart l-istess Peter Paul Micallef ghal kull interess li jista' jkollha" kif gej:
"Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, prevja li tilqa' *in parte* l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talba fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi u tiddikjara nulla dik il-parti ta' l-iskrittura li tirreferi ghall-obbligu assunt u kuntrattat mill-konvenut Joseph Debattista rigward is-somma fuq indikata ta' Lm3,130, filwaqt li tafferma l-legalita` u l-validita` tal-kontenut ta' l-iskrittura ghall-kumplament.

"L-ispejjez ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn iz-zewg nahat."

4.1. B'rikors datat 12 ta' Jannar 2006, l-attur Peter Paul Micallef informa lil din il-Qorti bid-decizjoni moghtija fit-28 ta' Novembru 2005 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, kif ukoll li minn din is-sentenza ma gie intavolat l-ebda appell u kwindi talab r-riappuntament ta' dana l-appell.

4.2. Din it-talba ta' l-appellat giet milqugha fis-sens li l-appell gie riappuntat ghas-smigh.

5.1. Mill-atti tal-kawza – ara verbal tal-15 ta' Mejju 2006 – jirrizulta li l-appell gie trattat mid-difensuri ta' l-appellant

Joseph Debattista u ta' l-appellat Peter Paul Micallef, filwaqt li ghat-terz interessata Maria Annunziata Debattista, ukoll appellanti, ma deher hadd.

5.2. Jirrizulta inoltre mill-istess verbal li l-appellanti Joseph Debattista u Maria Annunziata Debattista talbu zmien biex "jaghmlu nota semplicement ta' riferenzi ghall-gurisprudenza u jannetti kopja ta' l-istess sentenzi ma' dik in-nota".

L-appellanti ipprezentaw din in-nota fid-29 ta' Mejju 2006.

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUT JOSEPH DEBATTISTA U TA' MARTU MARIA ANNUNZIATA DEBATTISTA</u>**

6.1. L-appellanti konvenut Joseph Debattista u martu Maria Annunziata sive Nancy Debattista bhala terz interessata kienu talbu li din il-Qorti:

(1) tirrevoka d-digriet ta' l-ewwel Onorabbli Qorti ta' l-24 ta' Jannar 1996 li bih cahdet ir-rikors ta' l-appellanti ghas-soprasessjoni tal-kawza l-ohra, ic-Citazzjoni Numru 1827/95, fl-ismijiet "Maria Annunziata Debattista v. Joseph Debattista et" sal-lum pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili;

(2) tirriforma s-sentenza appellata tal-4 ta' Mejju 1998 fil-kawza fl-ismijiet premessi u dana billi tikkonfermaha in kwantu lliberat lil Maria Debattista (<u>recte</u>: Maria Annunziata Debattista) appellanti mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur appellat, u tirrevoka ghall-kumplament (sic) billi tichad it-talbiet ta' l-attur appellat, tillibera wkoll lill-konvenut appellant u tilqa' l-eccezzjonijiet u l-aggravji taz-zewg appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

6.2. Ma gie interpost ebda appell incidentali da parti ta' l-attur.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

7. Qabel ma tiddelibera fil-mertu, din il-Qorti mill-gdid tirrileva li l-ewwel talba ta' l-appellanti giet deciza in forza tas-sentenza <u>*in parte*</u> ta' din il-Qorti, kif diversament

komposta, moghtija fil-5 ta' Ottubru 2001 – b'dana li l-ispejjez relativi baqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

8.1. Fit-tieni lok ma tirrizulta ebda kontestazzjoni tal-fatt li s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civli fil-kawza fl-ismijiet "Maria Annunziata sive Nancy Debattista v. Joseph Debattista et" (Citazzjoni numru 1827/95/FGC) <u>ghaddiet in gudikat</u> peress li ma sar ebda appell minnha.

8.2. Din il-kostatazzjoni – jigifieri li ma sar ebda appell mis-sentenza surreferita – tassumi importanza partikolari fir-rigward tal-mertu ta' dan l-appell in vista ta' dak li gie ritenut u deciz fiha mill-Qorti ta' l-ewwel grad (ara sentenza a fol. 238 sa 245 tal-process, Dok. S).

8.3. Hekk insibu li fil-kostatazzjonijiet maghmulin f'din is-sentenza, il-Prim Awla tal-Qorti Civili irriteniet li gej:
"7. Illi rigward l-allegazzjoni tal-konvenut Joseph Debattista li huwa kien iffirma l-iskrittura peress li kien gie mhedded mill-konvenut Peter Paul Micallef, il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta lampanti li dina hija (sic) tentattiv sabiex dan il-konvenut johrog mill-effetti legali ta' l-iskrittura fejn irrikonoxxa d-dejn tieghu fl-ammont ta' Lm9,488. Mill-provi irrizulta l-kuntrarju, irrizulta biss li kien hemm insistenza da parti ta' Micallef sabiex id-diskussjonijiet jigu konkjuzi bl-iffirmar ta' l-iskrittura; izda xejn aktar. Ma rrizultax dak allegat mill-konvenut Debattista li huwa ffirma ghax kien mhedded jew ghax kien imgieghel.

– omissis –

"Fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija sostenibbli limitatament ghal dik il-parti ta' l-iskrittura fejn il-konvenut Joseph Debattista assuma l-obbligu li jhallas is-somma ta' Lm3,130 rapprezentanti dejn ta' terz; <u>u hija ingustifikata u insostenibbli ghall-kumplament tal-kontenut ta' l-iskrittura</u>." (sottolinear ta' din il-Qorti).

**<u>DWAR L-AGGRAVJU TA' L-APPELLANTI FIL-MERTU</u>**

9. Skond l-appellanti, l-aggravji taghhom dwar is-sentenza tal-4 ta' Mejju 1998 huma tnejn, jigifieri,
(1) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat u waslet ghall-konkluzjoni hazina li l-iskrittura attakkata 'Dok. A' li biha l-konvenut appellant accetta dejn ta' Lm12,618 kienet ta' amministrazzjoni ordinarja u ghalhekk seta' jiffirma wahdu u ad insaputa ta' martu, u b'hekk skond l-ewwel Qorti seta' bhala mizzewweg jghabbi wahdu l-komunjoni ta' l-akkwisti b'tant eluf ta' flus u addirittura minghajr il-mara ma tkun taf x'ghamel zewgha; u (2) assolutament bla pregudizzju ghall-premess, l-ewwel Qorti kellha tasal a bazi tar-ricevuti prodotti waqt it-trattazzjoni tal-kawza ghall-ammont anqas minn dak li waslet ghalih ta' LM11,383.00c.

10. Dwar l-ewwel aggravju, din il-Qorti gia` kellha okkazjoni tesprimi ruhha fl-ewwel decizjoni parzjali moghtija minnha fis-sens li l-ezitu tal-kawza l-ohra istitwita mit-terz interessata Maria Annunziata sive Nancy Debattista, huwa determinanti ghal fini tar-rizoluzzjoni finali ta' dana l-appell. Di fatti, f'dik is-sentenza – ara fol. 235 a tergo tal-process, para 4 – insibu *inter alia* kwantu segwe:
"Lanqas jista' jkun hemm dubbju illi d-determinazzjoni tat-talba fil-kawza istitwita minn mart il-konvenut u li minhabba fiha ntalbet is-soprasessjoni jkun direttament jinfluwixxi fuq il-mertu tal-prezenti istanza. Dan ghaliex it-talba attrici kif proposta fil-prezenti istanza u kienet tistrieh esklussivament fuq il-validita` tal-ftehim bejnu u bejn il-konvenut u ta' l-iskrittura li tinkorpora tali ftehim. Ftehim li kellu wkoll jigi konsidrat mill-ottika tal-possibbilita` li kien jikkwalifika bhala transazzjoni ghall-finijiet u effetti tal-ligi u anke dan seta' jkollu rifless mhux zghir fil-kuntest ta' htiega ta' l-intervent u l-kunsens ta' mart il-konvenut. Mertu dan li kellu jigi epurat u deciz fil-kawza l-ohra." (emfasi mizjuda).

11. Jirrizulta li, minkejja dak li affermat kemm il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza surreferita fl-ismijiet "Maria Annunziata sive Nancy Debattista v. Joseph Debattista et" (Citazzjoni Numru 1827/95) li ghaddiet in gudikat, u minkejja wkoll dak li affermat din il-Qorti in segwitu fl-

ewwel sentenza taghha _in_ _parte_ moghtija fil-5 ta' Ottubru 2001, l-appellanti xorta wahda baqghu u ghadhom jinsistu li l-aggravju originali taghhom, ankorke` ridimensjonat bis-sentenza moghtija ulterjorment mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Novembru 2005, ghandu jibqa' jregi. Di fatti, u dan gie sostnut ukoll mil-legali ta' l-appellanti fil-kors tat-trattazzjoni orali wkoll, l-appellanti ghadhom isostnu illi l-iskrittura bid-data tal-10 ta' Novembru 1994 kienet wahda nulla. L-appellanti jinsistu li l-agir tal-konvenut kien ifisser li huwa "ghabba unilateralment il-komunjoni ta' akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu", u li "fl-ebda hin u bla mod (l-attur) ma kkontesta illi l-iskrittura ma hijiex att ta' amministrazzjoni ordinarja, u tant hu hekk illi huwa (i.e. l-attur) sa talab il-kjamata fil-kawza ta' mart il-konvenut". L-appellanti jsostnu li huma ppruvaw li l-partijiet kienu baqghu jinnegozjaw sa anki matul is-sena 1994, jigifieri wara li kien gie _in_ _vigore_ l-Att XXI tal-1993. It-terz interessata, mart il-konvenut appellant, xorta wahda ser tbati pregudizzju la darba d-dejn gie konsidrat bhala dejn tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Debattista, jillanjaw l-appellanti. Fil-mori ta' dana l-appell, imbaghad, l-appellanti ghamlu riferiment ghal xi kazistika specifika – ara nota taghhom li giet ipprezentata fid-29 ta' Mejju 2006 u d-dokumenti annessi maghha – in sostenn ta' l-aggravju taghhom. Huma jinsistu li jekk wiehed mill-mizzewgin jaghmel wahdu att ta' amministrazzjoni straordinarja, dan id-dejn ma jorbotx lill-komunjoni ta' l-akkwisti, ghaliex ukoll fin-nuqqas ta' firma mill-konsorti l-ohra, kollox ikun rez bla effett. Anke kieku l-att hemm impunjat kien jinkwadra ruhu bhala att normali ta' gestjoni ta' kummerc jew negozju, bl-ebda mod ma kellu jaggrava l-komunjoni ta' l-akkwisti.

12. Din il-Qorti hija tal-fehma li, illum, in forza tas-sentenza moghtija fil-kawza istitwita mill-appellanti Maria Annunziata Debattista, il-posizzjoni legali dwar l-iskrittura in data tal-10 ta' Novembru 1994 giet definittivament kristallizzata. Il-partijiet resqu l-provi kollha dwarha u dik il-Qorti, li giet adita biex tidderimi l-kaz, iddecidiet, u minn din id-decizjoni ma kien hemm ebda appell.

13. Fi kliem iehor, saret kawza *ad hoc* proprju biex tigi impunjata dina l-iskrittura izda l-ezitu kien wiehed negattiv, imqar jekk parti mill-obbligazzjonijiet assunti mill-konvenut appellanti gew iddikjarati bhala li huma insostenibbli. It-tieni citazzjoni giet istitwita fil-mori ta' din il-kawza *ad istanza* tat-terz interessata, jigifieri ta' Maria Annunziata Debattista, li giet ukoll ikkjamata fil-kawza in ezami, u ghalhekk il-posizzjoni fir-rigward ta' din l-appellanti, illum tinsab deciza bl-imsemmi pronunzjament tal-Qorti. Din il-Qorti, imbaghad, ma tistax tifhem kif il-konvenut jista' jippretendi li f'negozju li inbeda fl-1990 – u meta allura kien ghadu ma giex fis-sehh l-Att XXI tal-1993 – huwa jibqa' jinsisti li dak kollu li sar u li gie gestit in forza ta' dan il-ftehim mal-kontroparti attrici, kien kollu null u bla effett. Din il-Qorti hija ghal kollox konkordi ma' l-ewwel Qorti fis-sens li l-operat tal-konvenut li wasslu biex jabbozza u jiffirma ftehim ta' xoljiment ta' negozju ma kienx att ta' amministrazzjoni straordinarja fil-kuntest li sar. Is-somma ffissata bhala dejn lill-parti attrici giet b'rizultat ta' negozjati li fihom il-konvenut sa kien assistit minn "accountant". In forza tas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Novembru 2005 fil-kawza "Maria Annunziata Debattista v. Joseph Debattista et", imbaghad, l-ammont reklamat mill-attur appellat kellu jigi ridott bis-somma ta' Lm3,130.00c peress li parti mill-obbligazzjonijiet assunti mill-konvenut gew iddikjarati bhala li huma insostenibbli. Fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti, il-konvenut ma jistax jippretendi li minn dak kollu li hu voluntarjament issottoskriva ghalih, jigi ezentat bhallikieku xejn m'hu xejn.

14. Fit-tieni aggravju l-appellanti jillanjaw mill-*quantum* finalment likwidat mill-ewwel Qorti. L-aggravju huwa specifikament dak li l-ewwel Qorti:
"fil-fatt irriduciet l-ammont reklamat b'Lm1,235 (cioe` Lm100 ammessi mill-attur, Lm860 ta' Rausi, u Lm275 ta' Cassar Torreggiani) (izda) ma kienx hemm raguni ghalfejn ma tnaqqasx ukoll il-pagament ta' Lm300 li ghamel Toni Abela lill-attur appellat ukoll wara l-iskrittura cioe` fl-14 ta' Novembru 1994 u fit-22 ta' Marzu 1995 (ara affidavit a fol. 155 u ricevuti a fol. 156), u kif ukoll il-hlas ta' ammonti ohra ta' Lm900 skond ricevuti rilaxxjati Dok V1, V2 u V3

esebiti mill-konvenut appellant flimkien ma' l-affidavit tieghu."

Fi kliem iehor, hawn si tratta semplicement ta' verifika ulterjuri tal-pagamenti effettwati biex jigi stabbilit bl-ezatt kemm hu realment il-bilanc dovut.

15. Ghal fini ta' pratticita`, din il-Qorti sejra l-ewwel tikkunsidra l-pagamenti reklamati mill-konvenut appellant ghas-somma ta' Lm900 skond Dok V1, V2 u V3. Dwarhom l-istess konvenut kien xehed hekk (ara t-tielet paragrafu ta' l-affidavit tieghu a fol. 86 tal-process),
"Sa Marzu 1994 konna ghadna qed ninnegozjaw flimkien taht id-ditta 'Krystall Pools' ….. u niehu l-affarijiet mill-hanut. U prova ta' dan qed nesebixxi wkoll tlett ricevuti markati Dok V1, V2 u V3 irrilaxxjati minn Peter Paul Micallef fid-9 ta' Dicembru 1993, fit-28 ta' Dicembru 1983 u fit-22 ta' Jannar 1994 ta' tliet klijenti differenti tal-Krystal Pools li hallsuni u jien ghaddejthom lil Peter……".

Kjarament dawn il-pagamenti kienu saru qabel il-ftehim milhuq bejn l-attur u l-konvenut, mnejn allura jsegwi li l-ewwel Qorti kienet ferm korretta meta ma nkludiethomx fis-sorte ghaliex, kif tajjeb irriteniet,
"Illi huwa ovvju li kull pagament li sar qabel ma giet iffirmata l-iskrittura kien ser ikun jigi kunsidrat mill-*accountants* ghal fini tal-finalizzazzjoni ta' l-*accounts* u l-ammont dovut mill-konvenut lill-attur. Ghalhekk dawk il-pagamenti bhal ma jirrizulta mir-ricevuti Dok V1 sa V3, ma ghandhomx jergghu jitnaqqsu billi dawn saru qabel ma gew finalizzati l-konteggi kristallizzati fl-iskrittura tal-10 ta' Novembru 1994".

Kull kumment iehor ikun superfluwu. Mis-suespost ghalhekk jibqa' skopert l-ammont ta' Lm300 allegatament maghmul minn Toni Abela lill-attur wara l-iskrittura tal-14 ta' Novembru 1994 – hekk ara l-affidavit a fol. 155, kif ukoll ir-ricevuti annessi mieghu.

16. Din il-Qorti tibda billi tirrileva li z-zewg ricevuti – Dok TA1 u Dok TA2 jikkonsistu biss f'zewg fotokopji. *Di piu`* l-ewwel ricevuta ggib id-data ta' "14/11/94" b'dana pero` li

n-numru “11” jidher li huwa “imbaghbas” u, trattandosi ta’ fotokopja, din il-Qorti m’hijiex propensa li taccettaha bhala prova sufficjenti. Fil-kaz tat-tieni ricevuta invece dik jigifieri mmarkata Dok TA2, hemm riportata fuqha d-data ta’ “22/03/95” u din hija sorretta bil-gurament ta’ l-imsemmi xhud, u l-kontroparti ma kellha l-ebda risposta ghaliha, la qabel u lanqas fl-istadju ta’ l-appell. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti jidhrilha illi flimkien mar-riduzzjoni ordnata mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza “Maria Annunziata Debattista v. Joseph Debattista et”, surreferita, fl-ammont ta’ Lm3,130, ghandu jigi effettwat tnaqqis addizzjonali ta’ Lm200 relattiv ghal dan il-pagament akkont li sar wara li saret l-iskrittura tal-10 ta’ Novembru 1994, b’kollox Lm3,330,00c.

Ghalhekk ifisser li mill-ammont ta’ Lm11,383.00 likwidat bl-ewwel sentenza, iridu jitnaqqsu Lm3,300.00, b’dana li jkun jifdal l-ammont bilancjali ta’ tmint elef u tlieta u hamsin lira Maltin (Lm8,053.00).

17. Fl-ahharnett, u ghal kull buon fini, l-appellat deherlu opportun li fl-ahhar paragrafu tar-risposta ta’ l-appell tieghu jissolleva n-nullita` ta’ l-appell tal-kjamat in kawza in kwantu sar ukoll f’isem l-istess kjamat in kawza. Skond l-attur ma jistax isir appell “ta’ aktar minn persuna wahda” (sic) u in sostenn ta’ dan huwa jiccita, fil-verzjoni Ingliza l-Artikolu 144 tal-Kap. 12 li jghid li, “An appeal may be entered by any party ….”

L-appellat, bir-rispett kollu, jew ma jaghrafx jafferra sew l-import tat-test ingliz jew inkella, li hu aghar, irid jipprova jhawwad l-imhuh billi “jingarbulja” dak li huwa sufficjentement car. Il-ligi tal-procedura testendi d-dritt ta’ appell lil kull min ghandu interess, anke terz interessat, u ma jidher li hemm xejn hazin li, ghall-ekonomija ta’ l-atti, isir appell kongunt, kif sar. Ghalhekk tiddikjara l-imsemmija eccezzjoni bhala wahda fiergha – li “del resto” ma jidhirx li fil-kors tat-trattazzjoni nghatat l-icken importanza.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi u tiddisponi minn dana l-appell billi fl-ewwel lok taghmel mill-gdid riferenza ghall-

ewwel sentenza *in parte* taghha, kif diversament komposta, moghtija fil-5 ta' Ottubru 2001 fejn gie milqugh l-ewwel aggravju ta' l-appellanti fir-rigward tad-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-24 ta' Jannar 1996; tilqa' *in parte* t-tieni aggravju ta' l-appellanti fis-sens biss li tirriforma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn il-Qorti ta' l-ewwel grad illikwidat sorte fl-ammont ta' Lm11,383.00 u, minflok, qeghda tirriduci l-istess sorte ghall-ammont inferjuri ta' Lm8,053.00, kif fuq inghad; u tikkonfermaha kwantu ghall-bqija; b'dana li l-ispejjez gudizzjarji ta' din l-istanza, cioe` ta' l-appell, inkluzi dawk relattivi ghas-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2001, ghandhom jigu sopportati kwantu ghal terza parti ($^1/_3$) mill-attur appellat u zewg terzi ($^2/_3$) mill-konvenut appellant, ad eccezzjoni ta' l-ispejjez relattivi ghat-terz interessata li jibqghu unikament a karigu tat-terza interessata appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------